TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal ghat-Talbiet Tal-Konsumaturi**

**Rikors Nru C.C.T 460/11/ MS**

**Rena u Alexander Zammit**

**vs**

**SMS Travel Ltd .**

Illum 13 ta' April 2015

It-Tribunal,

Ra t-talba tar-rikorrenti Zammit tat-28 ta' Ottubru 2011.

Ra illi is-socjeta' intimata kienet notifikata bit-talba fl-14 ta'Jannar 2012.

Ra illi s-socjeta intimata, dahlet ir-risposta fit-3 ta' Frar 2012, liema risposta kienet fuori termine.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati.

Ra illi fl-ewwel seduta ta' dan it-Tribunal, diversament preseduta, u cjoe' fis-seduta tat-30 ta' April 2012, dehru biss ir-rikorrenti u ma deher hadd ghas-socjeta' konvenuta, ghalkemm debitament notifikata bl-avviz tas-smigh.

Ra illi r-rikorrenti Rena Zammit ikkonfermat id-dettajli kollha li ghamlet fl-avviz taghha u esebiet numru ta' dokumenti.

Ra illi fit-tieni seduta, dehru l-partijiet kollha u l-kawza kienet giet differita ghas-sentenza ghall-1 ta' Novembru 2012, liema sentenza pero ma nghatatx.

Ra l-verbal tat-2 ta' Frar 2015, fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidra;**

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda diversi ilmenti dwar btala li ghamlu r-rikorrenti f'Macedonia fis-sena 2011. Kien hemm numru ta' nuqqasijiet ta' natura igenici kif ukoll ilmenti ohra dwar airconditioners u irwejjah illi taw hafna fastidju lir-rikorrenti li hassuhom aggravati u rregistraw l-ilmenti taghhom mar-reception desk. Effettivament ir-rikorrenti Rena Zammit giet lura mis-safra tisghol u ma tiflahx u b'deni li ma riedx jitlaqha. Wara sarulha it-testijiet ir-rikorrenti

rrizultat pozittiv ghall-Legionnaires' disease - infezzjoni fil-pulmun ikkawzata minn bacteria li tkun fil-qtar tal-ilma bhal per ezempju minn shower jew airoconditioner. Illi skond ic-certifikat tat-tabib Peter Attard, mahrug fit-3 ta' Settemrbu 2011, ir-rikorrenti kienet x'aktarx hadet din l-infezzjoni xi ftit qabel, meta kienet il-Macedonia/ Kosovo. Ta min jirrileva illi qabel ma rrikorrenti siefret minn Malta, dina kienet qieghda tgawdi minn sahha shiha.

Illi s-socjeta' intimata qieghda tirrifjuta li tilqa't-talba rikorrenti, peress illi skond huma ma kellhomx rapport illi l-lukanda u il-coach kienu mahmugin u li hi kienet l-unika wahda mill-grupp ta' 39 persuna illi ilmentat b'dan il-mod.

Dan pero, ma jeskludix illi r-rikorrenti setghet kienet l-unika wahda affettwata b'tali marda. Is-sistema immunitarja ma tahdimx l-istess f'kullhadd.

**Ikkunsidra:**

Illi apparti l-fatt illi s-safra li suppost kellha tkun wahda pjacevoli u rilassanti (li ma kenitx!), wara li giet lura, baqghet ma tiflahx ghax-xahar kollu ta' Awissu bir-rizultat illi ma setghetx tiehu hsieb il-familja u bil-konsegwenza illi kienet dejjem gejja u sejra ghand it-tabib tixtri l-medicini.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti qed titlob is-somma ta' €786.00. Din is-somma li tirraprezenta l-ammont illi nefqet fuq medicini u fuq tobba - i.e 148 Euros li huma koperti bl-ircevuti u €638 Euros li huwa l-ammont ta' kemm is-sinjura Zammit hallset ghal vjagg.

Illli ghalhekk, it-Tribunal ihoss illi r-rikorrenti ippruvat il-kaz taghha, almenu fuq bazi ta' probabbilita' kif ukoll issugerixxa t-tabib taghha a tempo vergine u ghalhekk it-talba taghha hija gustifikata u ghandha tigi milqugha fic-cirkostanzi.

**Ghal dawn il-motivi,**

It-Tribunal, jaqta' u jiddiciedi li jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna r-rifuzjoni tal-prezz fis-somma ta Euro 786.00. Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' intimata.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**